**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 1226/2022DC**

***European Lotto and Betting Ltd (C-84960)***

***vs***

***Lotto Hessen GmbH***
***socjeta' estera reġistrata ġewwa l-Ġermanja bin-numru ta' reġistrazzjoni Amtsgericht Wiesbaden, HRM 2191 u bl-uffiċju reġistrat sitwat Rosenstrasse 5-9, 65189 Wiesbaden, Deutschland (il-Ġermanja) kif debitament rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Luisa Cassar Pullicino (K.I. 397694M) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta VLT 1455***

Illum, 13 ta' Lulju 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-soċjeta attriċi[1], preżentat nhar l-4 ta' Ottubru 2022 permezz ta' liema, għar-raġunijiet hemm premessi, talab li ai termini ta'l-artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti *tibgħat din il-kawza quddiem il-Qorti li qedgħa tisma r-rikors bin-numru 824/2001*[2] *fl-ismijiet Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd (C-90866) vs Lotto Hessen GMBH.*

Rat ir-risposta tas-soċjeta attriċi[3], preżentata fil-31 ta' Ottubru 2022, permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponiet din it-talba.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

---

[1] A fol 363.
[2] Fil-fehma tal-Qorti hemm żball fin-numru tar-rikors għaliex skond il-fatti kif esposti mill-attrċiċ dan ir-rikors ġie preżentat fis-sena 2022.
[3] A fol 368.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi skond ir-rikors odjern:

- fis-27 ta' Marzu 2020 u fis-2 ta' Awwissu 2020 ingħataw żewġ sentenzi mill-Qorti Reġjonali ta' Dusseldorf kontra s-soċjeta attriċi u s-soċjeta Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd, dan fuq talba tas-soċjeta konvenuta;
- is-soċjeta konvenuta proċediet b'l-eżekuzzjoni ta' dawn is-sentenza, quddiem il-qrati Maltin, billi ħarġet, b'mod separat, mandat ta' sekwestru eżekuttiv fil-konfront tas-soċjeta attriċi u tas-soċjeta Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd;
- dawn iż-żewġ soċjetajiet proċedew separatament biex jikkontestaw il-mandat maħruġ kontra kull waħda minnhom; is-soċjeta attriċi permezz tal-proċeduri odjerni, u s-soċjeta Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd permezz ta' proċeduri li qegħdin pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, rikors numru 824/2001.

Illi s-soċjeta attriċi issa qed titlob li l-proċeduri odjerni jintbgħatu biex instemgħu flimkien ma' dawk li s-soċjeta Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd ittentat kontra s-soċjeta konvenuta.

Illi s-soċjeta konvenuta da parti tagħha qed topponi din it-talba għaliex fil-fehma tagħha s-soċjeta attriċi u Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd ma kienux kostretti jattakkaw l-eżekuzzjoni tas-sentenzi esteri separatament, pero u fi kwalunkwe każ huma hekk għażlu li jagħmlu u la darba hekk għamlu issa ma jistgħux jissolleva il-*lis alibi pendens* għaliex ma jissodisfawx r-rekwiżiet ta' *eadem personae*.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra.*

Illi dwar l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* l-Qrati tagħna esprimew ruħhom diversi drabi f'ġurisprudenza kostanti tul is-snin.

Illi fis-sentenza mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-3 ta' Diċembru 1998 fil-kawża f'l-ismijiet *Paulina Mizzi vs Concetta Key* il-Qorti qalet li skond l-artikolu 792 l-estremi sabiex tiġi stabilita u radikata l-eċċezzioni ta' *litis pendentia* huma s-segwenti:-

*(1) Li jkun hemm l-istess kawża, li jinkorpora li:*
*a) Li l-kawża trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qegħdin jaġixxu fl-istess kwalita – "**eadem personae**"*
*b) Irid ikun hemm l-"**eadem res**"*
*c) It-talbiet irid ikollhom l-istess kawża "**idem ius, eadem causa petendi**" u dawn iridu jirrizultaw "ictu oculi" (P.A.F. <u>Angela sive Gina Balzan vs Paul Argento et</u> - 1.2.1990 – Vol. LXXIV.III. p. 429), (P.A.M. Anatoli Reznikow et vs Nikolai A. Kotivov noe - 24.3.1994 – Vol. LXXVIII.III. p. 170).*

*(2) Li l-istess kawżi jkunu kontemporanjament pendenti.*
*Hekk fil-kawża "Giuseppi Bugeja Bonnici vs Dr. Andrea Pullicino noe et - P.A.W.H. 21.5.1935 Vol. XXIX(G) ġie affermat li biex hemm lok għal din l-eċċezzjoni hemm bżonn "inter alia" i) "kawża diġa kontestata jew almenu intimata, u li għada ma hijiex terminata quddiem jew l-istess tribunal jew tribunal divers".*

*(3) Li tali eċċezzionijiet tressqu quddiem l-istess Qorti jew żewġt Qrati li huma it-tnejn kompetenti. ... ...*

*(4) Li hemm differenza kronoloġika bejn iż-żewġt istanzi ... ...*

Illi dawn il-prinċipji ġew konfermati tul is-snin tant li f'sentenza ferm aktar riċenti mgħotija mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza mgħotija fit-30 ta' Novembru 2022 fil-kawża f'l-ismijiet *Carmen Zammit vs Dr Paul Portelli et* ntqal li:

> *Il-lis alibi pendens hija frażi Latina, li tirreferi għal meta azzjoni fuq l-istess oġġett jew mertu tkun pendenti x'imkien ieħor. Din hija kwistjoni serjissima għaliex jekk ikollok żewġ qrati li qegħdin jisimgħu l-istess tilwima dan jista' jwassal għal deċiżjonijiet li ma jaqblux bejniethom. Illi minħabba f'hekk, din l-eċċezzjoni tixxiebaħ f'dak li għandu x'jaqsam ma'l-elementi kostitutivi tagħha mal-eċċezzjoni tal-ġudikat (ara f'dan is-sens Silvio Frendo et v. Rudolph Gatt deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit13 ta' Awwissu, 2015 u Crocifissa Sammut et v. Joseph Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2003). Kif ġie mpoġġi tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Kummerċ fis-*

*sentenza Anatoli Reznikov et v. Nikolai A. Kotivov nomine maqtugħa fl-24 ta' Marzu, 1994,*

*"The plea is somewhat parallel with the plea of exceptio rei judicatae. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue"*

*Biex ikun hemm każ ta' lis alibi pendens* ***irid ikollok żewġ kawżi li huma bejn l-istess partijiet, fuq l-istess suġġett u bl-istess talbiet****. Jekk jintwera dan, skont l-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-konsegwenza tkun li l-aħħar kawża li tkun saret tintbagħat quddiem l-Imħallef li jkun qed jisma' l-ewwel kawża sabiex il-mertu taż-żewġ kawżi jinstemgħu fi proċess wieħed (ara Joseph Attard et v. Mario Attard et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);*

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ in eżami huwa ċar li wieħed mill-elementi rikjesti biex jista' jingħad li hemm *lis alibi pendens* huwa nieqes. Mill-espożizzjoni qasira tal-fatti fir-rikors odjern jirriżulta li għalkemm il-konvenut fiż-żewġ kawżi huwa l-istess: u cioe is-soċjeta Lotto Hessen GmbH, l-atturi fiż-żewġ kawżi huma żewġ soċjetjiet separati u distinti u għalhekk żewġ persuni leġali differenti. Dan ifisser li huwa nieqes l-element ta' *eadem personae*.

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tiċħad it-talba tas-soċjeta attriċi dedotta fir-rikors minnha preżentat f'l-4 ta' Ottubru 2022 b'l-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-istess soċjeta attriċi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**